

31968R0261

5.3.1968

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 57/1

**IR-REGOLAMENT (KEE, EURATOM, KEFA) Nru 261/68 TAL-KUNSILL
tad-29 ta' Frar 1968**

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill Nru 423/67/KEE, 6/67/Eurotom tal-25 ta' Lulju 1967 li jistabbilixxi l-emolumenti tal-membri tal-Kummissjonijiet tal-KEE u tal-KEEAu ta' l-Awtorità Għolja li ma ġewx maħtura membri tal-Kummissjoni Waħda tal-Komunitajiet Ewropej

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi Kunsill Wieħed u Kummissjoni Waħda għall-Komunitajiet Ewropej, u b'mod partikolari l-Artikolu 34 tiegħu;

Billi huwa għall-Kunsill li jiddetermina l-elmolumenti ta' persuni li kienu membri ta' l-Awtorita Għolja u tal-Kummissjonijiet tal-Komunità Ekonomika Ewropea u tal-Komunita Ewropea dwar l-Enerġija Atomika li, ma' tmiem il-kariga, ma ġewx maħtura membri tal-Kummissjoni;

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

B'effett mill-1 ta' Jannar 1968, it-tielet paragrafu li ġej għandu jiżdied ma' l-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill

Nru 423/67/KEE⁽¹⁾, Nru 6/67/Eurotom 2 tal-25 ta' Lulju 1967 li jistabbilixxi l-emolumenti tal-membri tal-Kummissjonijiet KEE u KEAA u ta' l-Awtorita Għolja li ma ġewx maħtura membri tal-Kummissjoni Waħda tal-Komunitajiet Ewropej;

"B'deroga mill-Artikolu 9 tar-Regolament Nru 422/67/KEE⁽¹⁾, 5/67/Euratom, il-pensjonijiet ta' persuni li kienu membri ta' l-Awtorita Għolja u tal-Kummissjonijiet tal-Komunità Ekonomika Ewropea u tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika msemmija fl-Artikolu 1 li kellhom il-kariga għal perijodu ta' mhux inqas minn sentejn m'għandhomx ikunu inqas minn 15 % tas-salarju bażiku li jkunu ħadu l-aħħar.

(¹) ĠU C 187, tat-8.8.1967, p. 6."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħi fit-tielet jum wara l-pubblikkazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Ufficijali tal-Komunitajiet Ewropej.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fid-29 ta' Frar 1968.

Għall-Kunsill

Il-President

M. COUVE DE MURVILLE

⁽¹⁾ ĠU C 152, tat-13.7.1967, p. 2.